SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

12 ta' April 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija — Deċiżjoni Nru 1/80 — Artikolu 13 — Klawżola ta' 'Standstill' — Riunifikazzjoni tal-familja — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi kundizzjonijiet ġodda iktar restrittivi fil-qasam tar-riunifikazzjoni tal-familja għal membri tal-familja mhux ekonomikament attivi ta' ċittadini Torok ekonomikament attivi li jirrisjedu u li għandhom dritt ta' residenza fl-Istat Membru inkwistjoni — Kundizzjoni ta' rabta suffiċjenti li tippermetti integrazzjoni b'suċċess"

Fil-Kawża C-561/14

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Østre Landsret (qorti tal-appell tar-reġjun tal-Lvant, id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Diċembru 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Diċembru 2014, fil-proċedura

Caner Genc

vs

Integrationsministeriet

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, R. Silva de Lapuerta (Relatur), M. Ilešič, L. Bay Larsen, F. Biltgen, C. Lycourgos, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, A. Borg Barthet, J. Malenovský, E. Levits, K. Jürimäe, M. Vilaras, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: T. Millett, Assistent Reġistratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal C. Genc, minn T. Ryhl, avukat,

— għall-Gvern Daniż, minn C. Thorning, bħala aġent, assistit minn R. Holdgaard, avukat,

— għall-Gvern Awstrijak, minn G. Hesse, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Clausen u C. Tufvesson, kif ukoll minn D. Martin u F. Erlbacher, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni (iktar 'il quddiem, id-"Deċiżjoni Nru 1/80"), u mehmuża mal-Ftehim dwar il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat, fit-12 ta' Settembru 1963, f'Ankara mir-Repubblika tat-Turkija, minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u mill-Komunità, min-naħa l-oħra, u li ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10, iktar 'il quddiem, il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn C. Genc u l-Integrationsministeriet (ministeru tal-integrazzjoni) dwar iċ-ċaħda, minn dan tal-aħħar, tat-talba tiegħu għal ħruġ ta' permess ta' residenza fid-Danimarka fir-rigward tar-riunifikazzjoni tal-familja.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

3 Mill-Artikolu 2(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jirriżulta li dan għandu l-għan li jippromwovi t-tisħiħ kontinwu u ekwilibrat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-partijiet kontraenti, billi jieħu inkunsiderazzjoni, b'mod sħiħ, in-neċessità li jiġi żgurat l-iżvilupp mgħaġġel tal-ekonomija tat-Turkija u ż-żieda fil-livell tal-impjieg u tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-poplu Tork.

4 Skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, "il-partijiet kontraenti jaqblu li jiġu ggwidati mill-Artikoli [39 KE], [40 KE] u [41 KE] sabiex gradwalment jinkiseb bejniethom il-moviment liberu tal-ħaddiema" u, skont l-Artikolu 13 ta' dan il-ftehim, dawn il-partijiet "jaqblu li jiġu ggwidati mill-Artikoli [43 KE] sa [46 KE] inklużi u l-Artikolu [48 KE] sabiex jitneħħew ir-restrizzjonijiet li jeżistu bejniethom fuq il-libertà ta' stabbiliment" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Id-Deċiżjoni Nru 1/80

5 L-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jipprovdi:

"L-Istati Membri tal-Komunità u t-Turkija ma jistgħux jintroduċu restrizzjonijiet ġodda dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-impjieg tal-ħaddiema u tal-membri tal-familja tagħhom li jinsabu fit-territorju rispettiv tagħhom f'sitwazzjoni regolari f'dak li jikkonċerna r-residenza u l-impjieg." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 Skont l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 1/80:

"1. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima għandhom ikunu applikabbli ħlief għal limitazzjonijiet iġġustifikati minn raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà u ta' saħħa pubblika.

2. Dawn ma jippreġudikawx id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali jew minn ftehimiet bilaterali eżistenti bejn it-Turkija u l-Istati Membri tal-Komunità, sa fejn huma jipprevedu sistema iktar favorevoli liċ-ċittadini tagħhom." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-Protokoll Addizzjonali

7 Il-Protokoll Addizzjonali, iffirmat fit-23 ta' Novembru 1970 fi Brussell u konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/72, tad-19 ta' Diċembru 1972 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 41, iktar 'il quddiem il-"Protokoll Addizzjonali"), jifforma parti integrali mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, kif jirriżulta mill-Artikolu 62 tiegħu.

8 L-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali jistabbilixxi:

"Il-partijiet kontraenti għandhom jibqgħu lura milli jintroduċu bejniethom restrizzjonijiet ġodda għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Id-dritt Daniż

9 Il-liġi dwar il-barranin (Udlændingeloven), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"liġi Daniża dwar il-barranin"), tipprovdi fl-Artikolu 9(1)(2)(d) tagħha, li jista' jinħareġ, fuq talba, permess ta' residenza lil wild minuri ta' età ta' inqas minn 15-il sena, mhux miżżewweġ, ta' persuna residenti fid-Danimarka jew tal-konjuġi tagħha jekk dan il-wild jgħix għand id-detentur tal-kustodja legali u ma jifformax familja indipendenti minħabba relazzjoni stabbli, u meta l-persuna residenti fid-Danimarka jkollha permess ta' residenza għal żmien indeterminat jew anki permess ta' residenza bil-possibbiltà ta' residenza permanenti.

10 L-Artikolu 9(13) tal-liġi Daniża dwar il-barranin, li ġie introdott bil-liġi Nru 427, tad-9 ta' Ġunju 2004, dwar l-emenda tal-liġi Daniża dwar il-barranin u tal-liġi dwar l-integrazzjoni, jipprovdi:

"Il-permess ta' residenza bis-saħħa tal-paragrafu (1)(2) [tal-Artikolu 9 ta' din il-liġi] ma jistax jinħareġ, fil-każ fejn l-applikant u wieħed mill-ġenituri tiegħu jirrisjedu fil-pajjiż tal-oriġini jew f'pajjiż ieħor, ħlief jekk l-applikant kellu jew jista' jkollu rabta suffiċjenti mad-Danimarka li tippermetti integrazzjoni b'suċċess. Dan ma japplikax madankollu jekk it-talba tressqet f'terminu ta' sentejn b'effett mid-data li fiha l-persuna residenti fit-territorju Daniż issodisfat il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 9(1)(2) [tal-imsemmija liġi], jew jekk raġunijiet speċifiċi ħafna, b'mod partikolari l-unità tal-familja, jirrikjedu interpretazzjoni kuntrarja."

11 Ix-xogħlijiet preparatorji tal-Artikolu 9(13) tal-liġi Daniża dwar il-barranin isemmu li l-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tipprekludi li l-ġenituri intenzjonalment jagħżlu li jħallu l-wild tagħhom fl-Istat ta' oriġini ma' wieħed miż-żewġ ġenituri tiegħu sakemm kważi jilħaq l-età adulta, minkejja li dan il-wild seta' jikseb permess ta' residenza fid-Danimarka f'data preċedenti, b'mod li jirċievi edukazzjoni konformi mal-kultura tal-Istat ta' oriġini u ma jkunx influwenzat fi tfulitu bir-regoli u bil-valuri Daniżi.

12 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont il-prassi deskritta fin-nota tal-ministeru tal-integrazzjoni tat-2 ta' Lulju 2007, il-kapaċità tal-wild minuri li jilħaq integrazzjoni b'suċċess taqa' taħt evalwazzjoni diskrezzjonarja li fil-kuntest tagħha jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari parametri bħat-tul u n-natura tar-residenza tal-wild ikkonċernat fl-Istati rispettivi u, b'mod partikolari, l-eventwali residenza preċedenti ta' dan il-wild fid-Danimarka, l-Istat li fih dan għadda l-parti l-kbira ta' tfulitu u tal-adoloxxenza tiegħu, il-post fejn mar l-iskola, il-kwistjoni jekk il-wild ikkonċernat jitkellimx bil-lingwa Daniża, jekk jitkellem bil-lingwa tal-Istat ta' oriġini u jekk dan il-wild ġiex influwenzat matul tfulitu bil-valuri u bir-regoli Daniżi b'grad suffiċjenti sabiex teżisti jew tista' teżisti rabta

suffiċjenti mad-Danimarka li tippermettilu integrazzjoni b'suċċess f'dan l-Istat Membru. Barra minn hekk, b'konnessjoni mal-elementi l-oħra, tingħata ċerta importanza għall-kwistjoni jekk min mill-ġenituri jirrisjedi fid-Danimarka huwiex integrat tajjeb u jippreżenta rabta stretta mas-soċjetà Daniża.

13 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta wkoll li jeżistu, f'ċerti każijiet eċċezzjonali, raġunijiet speċifiċi ħafna li bis-saħħa tagħhom il-kundizzjoni ta' eżistenza ta' rabta suffiċjenti fi Stat Membru kkonċernat li tippermetti integrazzjoni tajba ma hijiex meħtieġa. B'mod partikolari, dan huwa l-każ fejn ir-rifjut tar-riunifikazzjoni tal-familja jmur kontra l-impenji internazzjonali tar-Renju tad-Danimarka jew l-interess superjuri tal-wild ikkonċernat fis-sens tal-Konvenzjoni ta' New York dwar id-drittijiet tat-tfal, iffirmata fl-20 ta' Novembru 1989 u rratifikata mill-Istati Membri kollha jew ukoll meta, minħabba marda jew diżabbiltà gravi, ma huwiex skużabbli, fuq il-livell umanitarju, li l-ġenitur li jirrisjedi fid-Danimarka jintbagħat lura fi Stat li ma joffrix il-possibbiltà ta' akkoljenza u ta' trattament, jew meta l-ġenitur li jirrisjedi fl-Istat ta' oriġini ma huwiex kapaċi li jieħu ħsieb il-wild inkwistjoni.

14 Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li l-Artikolu 9(13) tal-liġi Daniża dwar il-barranin japplika biss għat-talbiet ta' riunifikazzjoni tal-familja bejn ċittadini ta' Stati terzi li jirrisjedu fid-Danimarka u l-membri tal-familja tagħhom, u li, fid-data meta d-Deċiżjoni Nru 1/80 daħlet fis-seħħ, ebda regola bħal dik tal-Artikolu 9(13) tal-liġi Daniża dwar il-barranin ma kienet tapplika.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, C. Genc, huwa ċittadin Tork li twieled fis-17 ta' Awwissu 1991. Missieru, li huwa wkoll ċittadin Tork, wasal fid-Danimarka fl-14 ta' Diċembru 1997 u għandu, mill-21 ta' April 2001, permess ta' residenza f'dan l-Istat Membru għal żmien indeterminat.

16 Il-ġenituri ta' C. Genc iddivorzjaw permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Diċembru 1997 mogħtija mit-Tribunal ta' Haymana (it-Turkija). Minkejja li missier ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kiseb il-kustodja legali kemm ta' C. Genc kif ukoll taż-żewġ aħwa subien il-kbar ta' dan tal-aħħar, wara d-divorzju, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kompla jgħix fit-Turkija man-nanniet tiegħu.

17 Iż-żewġ aħwa l-kbar ta' C. Genc jibbenefikaw minn permess ta' residenza fid-Danimarka mix-xahar ta' Mejju 2003.

18 Fil-5 ta' Jannar 2005, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali talab għall-ewwel darba permess ta' residenza fid-Danimarka. F'din id-data, missieru kien ħaddiem impjegat f'dan l-Istat Membru.

19 Fil-15 ta' Awwissu 2006, l-uffiċċju Daniż tal-migrazzjonijiet (Udlændingeservice) ċaħad it-talba għal permess ta' residenza mressqa minn C. Genc, fuq il-bażi tal-Artikolu 9(13) tal-liġi Daniża dwar il-barranin, minħabba li l-persuna kkonċernata ma kellhiex jew ma setgħetx ikollha rabta suffiċjenti mad-Danimarka li kienet tippermettilha integrazzjoni b'suċċess f'dan l-Istat Membru. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-ministeru tal-integrazzjoni fit-18 ta' Diċembru 2006.

20 B'mod partikolari, fid-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2006, il-ministeru tal-integrazzjoni, billi ħa inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-fatt li C. Genc twieled fit-Turkija fejn għadda tfulitu kollha u fejn irċieva edukazzjoni hemmhekk sa dik id-data, li qatt ma ġie fid-Danimarka, li jitkellem biss il-lingwa Torka, li ma jippreżenta ebda element ta' rabta ta' kwalunkwe tip mas-soċjetà Daniża u li missieru ra biss lil dan tal-aħħar darbtejn matul l-aħħar sentejn, ikkonkluda li r-rikorrent fil-kawża prinċipali ma ġiex influwenzat matul żgħożitu b'valuri u b'regoli Daniżi sa grad bħal dak li jkollu jew seta' jkollu rabta suffiċjenti mad-Danimarka li tippermettilu integrazzjoni b'suċċess.

21 Bl-istess mod, il-ministeru tal-integrazzjoni nnota wkoll li lanqas missier C. Genc ma seta' jitqies li huwa tant integrat tajjeb u bħala li huwa stess għandu rabta suffiċjenti sinjifikattiva mas-soċjetà Daniża li tippermetti li twasslu, fir-rigward tar-rikorrent fil-kawża prinċipali, għal konklużjoni differenti minn dik stabbilita fil-punt preċedenti.

22 Fl-aħħar nett, il-ministeru tal-integrazzjoni rrileva li ma teżisti ebda raġuni speċifika, b'mod partikolari l-unità tal-familja, favur il-ħruġ ta' permess ta' residenza lil C. Genc, minkejja l-fatt li dan ma għandux jew ma jistax ikollu rabta suffiċjenti mad-Danimarka li tippermettilu integrazzjoni b'suċċess, u li lanqas ma jeżistu ostakoli kbar għall-possibbiltà għall-missier ir-rikorrent fil-kawża prinċipali li jmur it-Turkija biex ikun jista' jsegwi ħajja tal-familja ma' dan tal-aħħar, jew li jsegwi ħajja tal-familja fl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li segwew id-dħul volontarju tiegħu fid-Danimarka matul is-sena 1997.

23 Fis-17 ta' Settembru 2007, il-ministeru tal-integrazzjoni rrifjuta li jeżamina mill-ġdid it-talba għal permess ta' residenza mressqa minn C. Genc.

24 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali adixxa l-Glostrup Ret (tribunal ta' Glostrup, id-Danimarka) li, permezz ta' sentenza tad-9 ta' Diċembru 2011, ikkonferma d-deċiżjoni tal-ministeru tal-integrazzjoni li jirrifjuta l-permess ta' residenza mitluba.

25 C. Genc appella din is-sentenza quddiem l-Østre Landsret (qorti tal-appell tar-reġjun tal-Lvant, id-Danimarka).

26 L-Østre Landsret (qorti tal-appell tar-reġjun tal-Lvant) tirrileva li, fis-sentenza Dogan (C-138/13, EU:C:2014:2066), il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li l-klawżola ta' "Standstdill" li tikkonċerna l-libertà ta' stabbiliment, prevista fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi l-introduzzjoni minn Stat Membru ta' restrizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-possibbiltà li tinkiseb ir-riunifikazzjoni tal-familja ma' konjuġi li joriġina mit-Turkija.

27 Madankollu, l-Østre Landsret (qorti tal-appell tar-reġjun tal-Lvant) tesprimi, qabelxejn, dubji dwar il-konformità tal-imsemmija sentenza kemm mal-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-klawżoli ta' "Standstill", kif ukoll mal-kuntest storiku u mal-iskop tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

28 Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kwistjoni jekk il-prinċipju legali li jirriżulta mis-sentenza Dogan (C-138/13, EU:C:2014:2066) fid-dawl tal-klawżola ta' "Standstill" imsemmija fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali japplikax ukoll fir-rigward tad-dispożizzjoni li tidher fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-formulazzjoni differenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

29 Finalment, l-imsemmija qorti, billi tibda mill-konstatazzjoni li, fis-sentenzi Demir (C-225/12, EU:C:2013:725) u Dogan (C-138/13, EU:C:2014:2066), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li restrizzjonijiet ġodda li jaqgħu taħt klawżola ta' "Standstill" jistgħu jiġu ammessi jekk ir-restrizzjoni hija ġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, hija xierqa sabiex jiġi ggarantit it-twettiq tal-għan leġittimu mfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex tilħqu, tistaqsi dwar il-konformità ta' din l-interpretazzjoni fid-dawl tas-sentenza Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734) kif ukoll fuq il-kwistjoni ta' liema huma l-linji gwida li permezz tagħhom għandhom isiru t-test ta' restrizzjoni u l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità.

30 Huwa f'dan il-kuntest li l-Østre Landsret (qorti tal-appell tar-reġjun tal-Lvant) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Ir-regola ta' 'Standstill' inkluża fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u/jew ir-regola ta' 'Standstill' li tinsab fl-Artikolu 41(1) tal-protokoll addizzjonali għandhom jiġu interpetati fis-sens li kundizzjonijiet ġodda li jirrestringu l-aċċess għar-riunifikazzjoni tal-familja fir-rigward tal-membri

tal-familja li ma jkunux ekonomikament attivi, b'mod partikolari l-ulied minuri ta' ċittadini Torok li jkunu ekonomikament attivi u li jkunu jirrisjedu u jkollhom permess ta' residenza fi Stat Membru, jaqgħu taħt l-obbligu ta' 'Standstill' fid-dawl:

a) tal-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tar-regoli ta' 'Standstill' fis-sentenzi Derin (C-325/05, EU:C:2007:442), Ziebell (C-371/08, EU:C:2011:809), Dülger (C-451/11, EU:C:2012:504), u Demirkan (C-221/11, EU:C:2013:583),

b) tal-għan u tal-kontenut tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kif ġew interpretati fis-sentenzi Ziebell (C-371/08, EU:C:2011:809) u Demirkan (C-221/11, EU:C:2013:583), kif ukoll fid-dawl:

— tal-fatt li l-Ftehim u l-protokolli u deċiżjonijiet marbuta miegħu ma jinkludux dispożizzjonijiet dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja u

— tal-fatt li r-riunifikazzjoni tal-familja f'dik li dak iż-żmien kienet il-Komunità Ewropea u li issa hija l-Unjoni Ewropea dejjem kienet irregolata b'atti ta' dritt derivat, attwalment bid-Direttiva 2004/38/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5 Vol. 5, p. 46)]?

(2) Fir-risposta għad-domanda 1, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tindika jekk eventwali dritt derivat għar-riunifikazzjoni tal-familja fir-rigward tal-membri tal-familja ta' ċittadini Torok ekonomikament attivi li jkollhom permess ta' residenza u jkunu jirrisjedu fi Stat Membru jiswiex għall-membri tal-familja ta' ħaddiema Torok fis-sens tal-Artikolu [13] tad-Deċiżjoni 1/80 jekk dan japplikax biss għall-membri tal-familja ta' ħaddiema Torok li jaħdmu għal rashom fis-sens tal-Artikolu 41(1) tal-protokoll addizzjonali?

(3) F'każ ta' risposta affermattiva għad-domanda 1 u għad-domanda 2, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tindika jekk ir-regola ta' 'Standstill' inkluża fl-Artikolu 13(1) tad-Deċiżjoni 1/80 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li restrizzjonijiet ġodda li jkunu 'iġġustifikat[i] minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, […] intiż[i] sabiex jiġi żgurat li jintlaħaq l-għan leġittimu mixtieq u [li ma jmorrux] lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dan jintlaħaq' (lil hinn minn dak indikat fl-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni 1/80) huma leġittimi?

(4) F'każ ta' risposta affermattiva għad-domanda 3, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab b'mod partikolari tindika:

a) skont liema linji gwida jeħtieġ li jsiru t-test tar-restrizzjoni u l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità. Il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tindika jekk għandhomx jiġu segwiti l-istess prinċipji misluta mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja fil-kuntest tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni li huma bbażati fuq id-Direttiva 2004/38 u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat TFUE, jew jekk hemmx lok li ssir evalwazzjoni differenti?

b) jekk jeħtieġ li ssir evalwazzjoni differenti minn dik li tirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja fil-kuntest tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tindika jekk hemmx lok li jsir riferiment għall-evalwazzjoni tal-proporzjonalità mwettqa fil-kuntest tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, fuq id-dritt tar-rispett tal-ħajja tal-familja fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem – u jekk dan ma huwiex il-każ allura liema huma l-prinċipji li japplikaw?

ċ) Irrispettivament mill-metodu ta' evalwazzjoni li għandu jiġi applikat: Regola bħal dik tal-Artikolu 9(16) tal-Liġi Daniża dwar il-barranin (li qabel kien l-Artikolu 9(13)) – li tistabbilixxi li r-riunifikazzjoni tal-familja bejn persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz u li

jkollha permess ta' residenza u tirrisjedi fid-Danimarka u l-wild minuri tagħha hija suġġetta, fil-każ fejn il-wild minuri u l-ġenitur tiegħu jkunu jirrisjedu fil-pajjiż ta' oriġini jew f'pajjiż ieħor, għall-kundizzjoni li l-wild minuri jkollu, jew ikollu l-possibbiltà li jistabbilixxi, rabta mad-Danimarka li tkun suffiċjenti sabiex tippermetti l-integrazzjoni b'suċċess fil-pajjiż – tista' tiġi kkunsidrata li hija 'iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, […] intiża sabiex jiġi żgurat li jintlaħaq l-għan leġittimu mixtieq u [li ma tmurx] lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex dan jintlaħaq?"

31 B'ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Marzu 2015, il-Gvern Daniż, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, talab li l-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' bħala Awla Manja.

Fuq id-domandi preliminari

32 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk miżura nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta r-riunifikazzjoni tal-familja bejn ħaddiem Tork, li jirrisjedi legalment fl-Istat Membru kkonċernat u l-wild minuri tiegħu għall-kundizzjoni li dan tal-aħħar jippreżenta jew jista' jippreżenta rabta suffiċjenti f'dan l-Istat Membru li tippermettilu integrazzjoni b'suċċess, meta l-wild ikkonċernat u l-ġenitur l-ieħor tiegħu jirrisjedu fl-Istat ta' oriġini jew fi Stat ieħor, u, li t-talba għal riunifikazzjoni tal-familja titressaq wara terminu ta' sentejn mid-data li fiha l-ġenitur li jirrisjedi fl-Istat Membru kkonċernat ikun kiseb permess ta' residenza għal żmien indeterminat jew anki permess ta' residenza bil-possibbiltà ta' residenza permanenti, tikkostitwixxix "restrizzjoni ġdida" fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u/jew l-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali u, jekk iva, jekk tali restrizzjoni tistax madankollu tiġi ġġustifikata.

33 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-klawżoli ta' "Standstill" stabbiliti fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali jipprojbixxu b'mod ġenerali l-introduzzjoni ta' kwalunkwe miżura interna ġdida li jkollha l-għan jew l-effett li tissuġġetta l-eżerċizzju minn ċittadin Tork ta' libertà ekonomika fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għal kundizzjonijiet iktar restrittivi minn dawk li kienu applikabbli għalih fid-data ta' dħul fis-seħħ tal-imsemmija deċiżjoni jew tal-imsemmi protokoll fir-rigward ta' dan l-Istat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Savas, C-37/98, EU:C:2000:224, punt 69, kif ukoll Sahin, C-242/06, EU:C:2009:554, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-Artikolu 9(13) tal-liġi Daniża dwar il-barranin, ġiet introdotta wara d-data tad-dħul fis-seħħ fid-Danimarka tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u tal-Protokoll Addizzjonali, u li l-imsemmija dispożizzjoni twassal, fil-qasam tar-riunifikazzjoni tal-familja, għal kundizzjonijiet ta' ammissjoni iktar ibsin minn dawk li kienu jeżistu qabel, għall-ulied minuri ta' ħaddiema ċittadini ta' Stat terz, b'mod li trendi l-imsemmija riunifikazzjoni iktar diffiċli.

35 Barra minn hekk, huwa stabbilit li C. Genc jixtieq jidħol fid-Danimarka biex jingħaqad ma' missieru. Huwa stabbilit ukoll li, fid-data meta C. Genc ippreżenta t-talba għal residenza tiegħu, missieru kien jeżerċita attività bħala persuna impjegata fid-Danimarka.

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa l-missier tar-rikorrent fil-kawża prinċipali li huwa dak li s-sitwazzjoni tiegħu hija relatata ma' libertà ekonomika, f'dan il-każ il-moviment liberu tal-ħaddiema, u li, bħala ħaddiem regolarment integrat fis-suq tax-xogħol fid-Danimarka, jaqa', għalhekk, taħt l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Savas, C-37/98, EU:C:2000:224, punt 58, kif ukoll Abatay *et*, C-317/01 u C-369/01, EU:C:2003:572, punti 75 sa 84).

37 Konsegwentement, għandu jsir riferiment għas-sitwazzjoni biss tal-ħaddiem Tork residenti fl-Istat Membru kkonċernat, f'dan il-każ, missier C. Genc, sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx lok, skont il-klawżola ta' "Standstill" imsemmija fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, li tiġi miċħuda l-applikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jekk jirriżulta li din hija ta' natura li taffettwa l-libertà tiegħu li jeżerċita attività bħala persuna impjegata f'dan l-Istat Membru.

38 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida li twebbes il-kundizzjonijiet tal-ewwel ammissjoni tal-ulied minuri ta' ċittadini Torok li jirrisjedu fl-Istat Membru kkonċernat bħala ħaddiema impjegati, bħal missier C. Genc, meta mqabbla ma' dawk applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 1/80 f'dan l-Istat Membru, tistax tikkostitwixxi "restrizzjoni ġdida", fis-sens tal-Artikolu 13 ta' din id-deċiżjoni, għall-eżerċizzju mill-imsemmija ċittadini Torok tal-moviment liberu tal-ħaddiema fl-imsemmi Stat Membru.

39 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li leġiżlazzjoni li trendi riunifikazzjoni tal-familja iktar diffiċli billi twebbes il-kundizzjonijiet tal-ewwel ammissjoni, fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, tal-konjuġi ta' ċittadini Torok meta mqabbla ma' dawk applikabbli mad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali, tikkostitwixxi "restrizzjoni ġdida", fis-sens tal-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali, għall-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment mill-imsemmija ċittadini Torok (sentenza Dogan, C-138/13, EU:C:2014:2066, punt 36).

40 Dan għaliex id-deċiżjoni ta' ċittadin Tork li jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru biex fih jeżerċita attività ekonomika b'mod stabbli tista' tiġi influwenzata b'mod negattiv meta l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru trendi diffiċli jew impossibbli r-riunifikazzjoni tal-familja, b'mod li l-imsemmi ċittadin jista', jekk ikun il-każ, jiġi obbligat li jagħżel bejn l-attività tiegħu fl-Istat Membru kkonċernat u l-ħajja tal-familja tiegħu fit-Turkija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Dogan, C-138/13, EU:C:2014:2066, punt 35).

41 Minbarra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, peress li l-klawżola ta' "Standstill" stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 hija tal-istess natura bħal dik stabbilita fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali u li dawn iż-żewġ klawżoli għandhom għan identiku, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 41(1) għandha tapplika wkoll fir-rigward tal-obbligu ta' *statu quo* li jikkostitwixxi l-bażi tal-imsemmi Artikolu 13 fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-92/07, EU:C:2010:228, punt 48).

42 Minn dan isegwi li l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tat lill-punt 36 tas-sentenza Dogan (C-138/13, EU:C:2014:2066) tista' tiġi applikata għall-kawża prinċipali.

43 Sa fejn il-qorti tar-rinviju u l-Gvern Daniż għandhom dubji dwar il-kompatibbiltà tal-interpretazzjoni li tirriżulta mis-sentenza Dogan (C-138/13, EU:C:2014:2066) bl-għan esklużivament ekonomiku tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punt 40 ta' din is-sentenza, dak li wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Dogan li tikkonkludi li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza kienet taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' "Standstill" imsemmija fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali kien l-eżistenza ta' rabta bejn l-eżerċizzju minn ċittadin Tork tal-libertajiet ekonomiċi fi Stat Membru u r-riunifikazzjoni tal-familja, fis-sens li l-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza tal-membri tal-familja tal-imsemmi ċittadin skont ir-riunifikazzjoni tal-familja setgħu jaffettwaw l-eżerċizzju ta' tali libertajiet minnu.

44 B'hekk, huwa biss sa fejn leġiżlazzjoni nazzjonali twebbes il-kundizzjonijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li hija ta' natura li taffettwa l-eżerċizzju mill-ħaddiema Torok, bħal missier C. Genc, ta' attività ekonomika fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, li hemm lok li jitqies li tali leġiżlazzjoni tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' "Standstill" imsemmija fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrilevaha fil-punt 27 tal-konklużjonijiet tiegħu.

45 Għaldaqstant, il-klawżoli ta' "Standstill" stabbiliti fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jinkludu ebda rikonoxximent ta' dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja u lanqas ta' dritt ta' stabbiliment u ta' residenza favur membri tal-familja tal-ħaddiema Torok.

46 Fir-rigward tar-riunifikazzjoni tal-familja, kif jirriżulta mis-sentenza Dogan (C-138/13, EU:C:2014:2066), il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tattribwixxi lill-klawżola ta' "Standstill" ebda effett ieħor ħlief li tipprojbixxi li r-riunifikazzjoni tal-familja tkun suġġetta għal kundizzjonijiet ġodda li huma ta' natura li jaffettwaw l-eżerċizzju minn ċittadin Tork tal-libertajiet ekonomiċi fi Stat Membru.

47 Fl-aħħar nett, rabta bħal dik deskritta fil-punt 43 ta' din is-sentenza ma kienet teżisti bl-ebda mod fil-kawża li tat lok għas-sentenza Demirkan (C-221/11, EU:C:2013:583) li għaliha l-Gvern Daniż jirreferi partikolarment.

48 Fil-fatt, din is-sentenza kienet tikkonċerna ċittadina Torka li xtaqet tinvoka l-klawżola ta' "Standstill" stabbilita fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali, matul id-dħul tagħha fl-Istat Membru kkonċernat, minħabba l-fatt li kienet, ladarba waslet fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, benefiċjarja ta' servizzi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, madankollu, li peress li l-kunċett ta' "libertà li jiġu pprovduti servizzi" msemmi f'din id-dispożizzjoni ma kienx jinkludi l-libertà passiva li jiġu pprovduti servizzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Demirkan, C-221/11, EU:C:2013:583, punti 60 u 63), ir-rabta bejn id-dħul u r-residenza tal-imsemmija ċittadina fl-Istat Membru kkonċernat u l-eżerċizzju ta' libertà ekonomika kienet nieqsa u kienet tipprekludi, għaldaqstant, lil din iċ-ċittadina li tinvoka l-imsemmija klawżola ta' "Standstill".

49 L-interpretazzjoni li tirriżulta mis-sentenza Dogan (C-138/13, EU:C:2014:2066) hija, barra minn hekk, koerenti ma' dik żviluppata mill-Qorti tal-Ġustizzja, dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 li tgħid li l-għan ta' din id-dispożizzjoni l-oħra tal-imsemmija deċiżjoni tikkonsisti sabiex tgħin ir-riunifikazzjoni tal-familja fl-Istat Membru ospitanti bl-għan li jiġu ffaċilitati l-impjieg u r-residenza tal-ħaddiem Tork li jappartjeni għas-suq regolari tal-impjieg fl-Istat Membru kkonċernat (ara s-sentenzi Kadiman, C-351/95, EU:C:1997:205, punti 34 sa 36; Eyüp, C-65/98, EU:C:2000:336, punt 26; u Ayaz, C-275/02, EU:C:2004:570, punt 41).

50 Konsegwentement, għandu jiġi konkluż li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li trendi riunifikazzjoni tal-familja iktar diffiċli billi twebbes il-kundizzjonijiet tal-ewwel ammissjoni, fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, tal-ulied minuri ta' ċittadini Torok li jirrisjedu f'dan l-Istat Membru bħala ħaddiema, meta mqabbla ma' dawk applikabbli mad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 1/80, u li, għaldaqstant, hija ta' natura li taffettwa l-eżerċizzju ta' attività ekonomika minn dawn iċ-ċittadini fl-imsemmi territorju, tikkostitwixxi "restrizzjoni ġdida", fis-sens tal-Artikolu 13 ta' din id-deċiżjoni, għall-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-ħaddiema f'dan l-Istat Membru mill-imsemmija ċittadini Torok.

51 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li restrizzjoni li jkollha l-għan jew l-effett li tissuġġetta l-eżerċizzju minn ċittadin Tork tal-moviment liberu tal-ħaddiema fit-territorju nazzjonali għal kundizzjonijiet iktar restrittivi minn dawk applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 1/80 hija pprojbita ħlief sa fejn taqa' taħt limitazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14 ta' din id-deċiżjoni jew sa fejn tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, tkun xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan leġittimu mfittex u ma tkunx tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq (sentenza Demir, C-225/12, EU:C:2013:725, punt 40).

52 Fil-fatt, skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-partijiet għal dan, konformement mal-għan esklużivament ekonomiku li jikkostitwixxi l-bażi tal-Assoċjazzjoni KEE-Turkija, ftiehmu li jiġu ggwidati minn dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema,

għalkemm il-prinċipji ammessi fil-kuntest tal-imsemmija dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikati, sa fejn huwa possibbli, għaċ-ċittadini Torok li jibbenefikaw minn drittijiet skont dan il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Ziebell, C-371/08, EU:C:2011:809, punti 58 u 65 sa 68).

53 Għandu għalhekk jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex leġittima sa fejn tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punt 51 ta' din is-sentenza.

54 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 9(13) tal-liġi Daniża dwar il-barranin ma taqax taħt l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Il-Gvern Daniż, min-naħa l-oħra, jargumenta li din il-kundizzjoni hija ġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, jiġifieri li tiġi ggarantita integrazzjoni b'suċċess, u li hija proporzjonata billi din id-dispożizzjoni hija kemm xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan leġittimu mfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex tilħqu.

55 Fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-għan li tintlaħaq integrazzjoni b'suċċess jistax jikkostitwixxi tali raġuni imperattiva, għandha titfakkar l-importanza mogħtija, fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni, għall-miżuri ta' integrazzjoni, kif jirriżulta mill-Artikolu 79(4) TFUE, li jevoka l-promozzjoni tal-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiż terz fl-Istati Membri ospitanti bħala azzjoni tal-Istati Membri li għandha tiġi inkoraġġuta u li tiġi sostnuta, u minn diversi direttivi, bħad-Direttivi tal-Kunsill 2003/86/KE, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224) u tal-Kunsill 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272) li jipprovdu li l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' Stati terzi hija element ewlieni biex tiġi promossa l-koeżjoni ekonomika u soċjali, għan fundamentali tal-Unjoni stabbilit fit-Trattat.

56 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għan li jikkonsisti fil-garanzija ta' integrazzjoni b'suċċess taċ-ċittadini ta' Stati terzi fl-Istat Membru kkonċernat, invokat mill-Gvern Daniż, jista' jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 35 tal-konklużjonijiet tiegħu.

57 Fir-rigward tal-proporzjonalità tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn tali dispożizzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' moviment tal-ħaddiema Torok, kif ġie kkonstatat fil-punt 50 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat li tali evalwazzjoni għandha tiġi effettwata fid-dawl ta' din il-libertà, kif hija tibbenefika liċ-ċittadini Torok, konformement mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-Assoċjazzjoni KEE-Turkija, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punti 37 u 38 tal-konklużjonijiet tiegħu.

58 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali timplika li, sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika mir-riunifikazzjoni tal-familja f'ċirkustanzi bħal dawk fejn l-wild ikkonċernat u wieħed mill-ġenituri tiegħu jirrisjedu fl-Istat ta' oriġini jew fi Stat ieħor, huwa, fil-prinċipju, meħtieġ li dan il-wild għandu jew jista' jkollu rabta suffiċjenti mad-Danimarka li tippermettilu integrazzjoni b'suċċess f'dan l-Istat Membru.

59 L-imsemmija kundizzjoni, madankollu, tapplika biss jekk it-talba titressaq iktar minn sentejn wara d-data li fiha l-ġenitur li jirrisjedi fit-territorju Daniż ikun kiseb permess ta' residenza għal żmien indeterminat jew anki permess ta' residenza bil-possibbiltà ta' residenza permanenti.

60 Peress li r-rekwiżit li wieħed jipproduċi l-prova ta' rabta suffiċjenti mad-Danimarka huwa intiż li jiggarantixxi lill-ulied ikkonċernati integrazzjoni b'suċċess f'dan l-Istat Membru, kif il-Gvern Daniż isostni, għandu jitqies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali titlaq mis-suppożizzjoni li l-ulied li għalihom it-talba għar-riunifikazzjoni tal-familja ma tressqitx fit-terminu stabbilit jinsabu f'ċirkustanzi tali li l-integrazzjoni tagħhom fid-Danimarka hija ggarantita biss jekk jissodisfaw tali rekwiżit.

61 Issa, jidher li dan ir-rekwiżit, allegatament iġġustifikat permezz tal-għan li tiġi permessa l-integrazzjoni tal-ulied minuri kkonċernati fid-Danimarka, madankollu, isir applikabbli mhux skont is-sitwazzjoni personali tal-ulied li tista' jkollha effett negattiv fuq l-integrazzjoni tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat, bħall-età tagħhom jew ir-rabtiet tagħhom ma' dan l-Istat Membru, iżda skont kriterju li, l-ewwel nett, jidher bħala barrani għall-possibbiltajiet li tintlaħaq tali integrazzjoni, jiġifieri t-terminu li jissepara l-għoti lill-ġenitur ikkonċernat ta' permess ta' residenza definittiv fid-Danimarka mid-data tat-tressiq tat-talba għal riunifikazzjoni tal-familja.

62 F'dan ir-rigward, huwa diffiċli li wieħed jifhem kif it-tressiq ta' talba għal riunifikazzjoni tal-familja wara t-terminu ta' sentejn li jsegwi l-kisba ta' permess ta' residenza definittiv fid-Danimarka mill-ġenitur li jirrisjedi f'dan l-Istat Membru jpoġġi lill-wild f'sitwazzjoni inqas favorevoli sabiex ikun jista' jintegra ruħu fid-Danimarka, b'tali mod li l-applikant huwa obbligat li jipproduċi l-prova ta' rabta suffiċjenti ta' dan il-wild f'dan l-Istat Membru.

63 Fil-fatt, iċ-ċirkustanza li t-talba għal riunifikazzjoni tal-familja tressqet qabel jew wara s-sentejn li jsegwu l-ksib tal-permess ta' residenza definittiv mill-ġenitur li jirrisjedi fl-Istat Membru kkonċernat ma tistax tkun indizju fih innifsu determinanti tal-intenzjonijiet tal-ġenituri tal-minuri kkonċernat minn din l-applikazzjoni fir-rigward tal-integrazzjoni tiegħu f'dan l-Istat Membru.

64 Minbarra dan, l-adozzjoni tal-kriterju inkwistjoni, għall-finijiet li jiġi ddeterminat liema huma l-ulied li għalihom rabta suffiċjenti mad-Danimarka għandha tiġi pprovata, twassal għal riżultati inkoerenti fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kapaċità li tintlaħaq integrazzjoni b'suċċess f'dan l-Istat Membru.

65 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 51 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan il-kriterju, minn naħa, japplika mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali tal-wild ikkonċernat u tar-rabtiet tiegħu fir-rigward tal-Istat Membru inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, joħloq riskju li jsiru diskriminazzjonijiet skont id-data tat-tressiq tat-talba għar-riunifikazzjoni tal-familja bejn ulied li jinsabu f'sitwazzjonijiet personali assolutament simili, kemm fir-rigward tal-età tagħhom kif ukoll tar-rabtiet tagħhom mad-Danimarka kif ukoll ir-relazzjoni tagħhom mal-ġenitur li jirrisjedi hemmhekk.

66 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fir-rigward b'mod partikolari tal-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni personali tal-wild ikkonċernat, din l-evalwazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali għandha ssir, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 54 tal-konklużjonijiet tiegħu, fuq il-bażi ta' kriterji suffiċjentement preċiżi, oġġettivi u mhux diskriminatorji, li għandhom jiġu eżaminati każ b'każ, billi jagħtu lok għal deċiżjoni mmotivata li tista' tkun suġġetta għal rikors effettiv sabiex tiġi evitata prassi amministrattiva ta' rifjut sistematiku.

67 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li miżura nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta r-riunifikazzjoni tal-familja bejn ħaddiem Tork, li jirrisjedi legalment fl-Istat Membru kkonċernat u l-wild minuri tiegħu għall-kundizzjoni li dan tal-aħħar jippreżenta jew jista' jippreżenta rabta suffiċjenti f'dan l-Istat Membru li tippermettilu integrazzjoni b'suċċess, meta l-wild ikkonċernat u l-ġenitur l-ieħor tiegħu jirrisjedu fl-Istat ta' oriġini jew fi Stat ieħor, u, li t-talba għal riunifikazzjoni tal-familja titressaq wara terminu ta' sentejn b'effett mid-data li fiha l-ġenitur li jirrisjedi fl-Istat Membru kkonċernat ikun kiseb permess ta' residenza għal żmien indeterminat jew anki permess ta' residenza bil-possibbiltà ta' residenza permanenti, tikkostitwixxi "restrizzjoni ġdida" fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Tali restrizzjoni ma hijiex iġġustifikata.

Fuq l-ispejjeż

68 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi li:

Miżura nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta r-riunifikazzjoni tal-familja bejn ħaddiem Tork, li jirrisjedi legalment fl-Istat Membru kkonċernat u l-wild minuri tiegħu għall-kundizzjoni li dan tal-aħħar jippreżenta jew jista' jippreżenta rabta suffiċjenti f'dan l-Istat Membru li tippermettilu integrazzjoni b'suċċess, meta l-wild ikkonċernat u l-ġenitur l-ieħor tiegħu jirrisjedu fl-Istat ta' oriġini jew fi Stat ieħor, u, li t-talba għal riunifikazzjoni tal-familja titressaq wara terminu ta' sentejn b'effett mid-data li fiha l-ġenitur li jirrisjedi fl-Istat Membru kkonċernat ikun kiseb permess ta' residenza għal żmien indeterminat jew anki permess ta' residenza bil-possibbiltà ta' residenza permanenti, tikkostitwixxi "restrizzjoni ġdida" fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni u mehmuża mal-Ftehim dwar il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat, fit-12 ta' Settembru 1963, f'Ankara mir-Repubblika tat-Turkija, minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u mill-Komunità, min-naħa l-oħra, u li ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963.

Tali restrizzjoni ma hijiex iġġustifikata.

Firem